# Beati u Qaddisin ..Frar

## 18 TA' FRAR SAN FRANGISK REGIS

San Frangisk Regis Clet twieled gewwa Franza fi Grenoble fis-sena 1748 u ghallem it-teologija morali fis-seminarju ta' Annecy. Kien maghruf bhala " il-biblioteca hajja" Fis-sena 1773 meta kellu 25 sena gie ordnat sacerdot u kien membru tal-kongregazzjoni missjunarja, imwaqqfa gewwa Parigi fis-sena 1625 min San Vincenz di Paola. Kienu jissejhu Lazzaristi jew Vincenzjani u kienu sacerdoti li jghixu hajja komunitarja u kellhom dmir li jxerrdu it-taghlim nisrani fil-kampnja u rhula fejn l-anqas in-nies kienu milhuqa. Ma dan id-dmir zdiedu ukoll l-impenn taghhom biex ixerrdu l-evangelju fl-Afrika u c-Cina. Is-superjuri tieghu ghazluh biex imexxi s-Seminarju Vincenzjan gewwa Parigi fejn hemm kellujhabbat wiccu mar-Rivoluzzjoni Franciza.




Fis-sena 1791 meta kellu 43 sena talab biex imur fic-Cina u wara hames xhur vjagg wasal gewwa Macao. Dan kien l-ewwel post fejn kull missjunarju jidra l-ambjent ciniz qabel ma jidhol aktar 'l gewwa f'dak l-imperu tant vast u kbir. Ghalkemm ghal bidu tas-seklu XVIII il-kattolici kienu qed jiehdu l-hajja, fi zmien Frangisku Regis kienet diga bdiet tinhass l-attivita' anti missjunarja.

Dan l-ambjent ta' persekuzzjoni kompla jgholli rasu ghaliex hafna kienu l-

Ordnijiet li kienu jdahhlu l-pika bejnithom. Imma din il-haga ma qatghetx qalb Frangisku. Huwa kien jimxi fuq l-motto Vincenzjan " Flimkien mat-talb, il-hidma hija ndispensabbli. Jehtieg li taccetta bil-ferh in-nuqqas ta' kumdita' il-mard u dak kollu li hu kontra qalbek." U tassew id-disgrazzja qatt ma naqsu. Bejn is-sena 1805 u 1811 il-persekuzzjoni harget fil-berah u kien jghaddi minn lok ghal iehor u jiskappa l-arrest mghejjun mill-insara cinizi.

Il-persekuzzjoni kompliet tihrax u din id-darba fis-sena 1818 ma helisix u safa vittima taghha. Nisrani rinnegat ghall-flus xlieh waqt li Frangisku Regis kien gewwa Hubei. Kien Gunju tas-sena 1819. Kellu 71 sena u ghaddha minn tortura, processi u tbatijiet ohra, izda dejjem stqarr li kienet sacerdot kattoliku. L-imhallfin li ikkundanawh u dawk li tawh il-martirju meta middewh fuq speci ta' salib u strangolawh, baqghu mistghagba bil-kuragg li wera.

Wara 38 sena gismu gie trasportat ghal Parigi fejn hu midfun fil-kappella tas-sacerdoti missjunarji tas-socjeta tieghu. Giovanni Pawlu II hatru qaddis fis-sena 2000.